# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum 23 ta' Gunju 2020**

Appell numru 5 tal-2020

**Il-Pulizija**
**vs**
**Jean Claude EL FTOUH**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-10 ta' Dicembru 2019 fil-konfront ta' Jean Claude EL FTOUH detentur tal-karta tal-identità bin-numru 35096M fejn ġie mixli:

> Talli nhar is-16/7/2018 għal ħabta ta' 00.05 hrs bil-vettura XXL 320 ġewwa Triq Qrajten il-Pieta' :
>
> 1) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b'mod perikoluz (Kap 65 artikolu 15(1)(a), (2));
>
> 2) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b'nuqqas ta' kont (Kap 65 artikolu 15(1)(a), (2));

3) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni (Kap 65 artikolu 15(1)(a), (3));

4) Soqt jew ippruvajt issuq, jew kellek kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor waqt li ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi (Kap 65 artikolu 15A(1));

5) Soqt jew ippruvajt issuq, jew kellek kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsmajt tant alkohol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun izjed mill-limitu preskritt (Kap 65 artikolu 15B(1)).

Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, rat il-Liġi senjatament Kap 65 Artikolu 15(1)(a), (2), Kap 65 Artikolu 15 (1) (a), (3), Kap 65 Artikolu 15A(1) , Kap 65 Artikolu 15B(1) tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-akkużi tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4) u ħamsa (5) miġjuba fil-konfront tiegħu , u kkundannatu għal multa ta' 1800 Euro liema multa titħallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' 50 Euro fix-xahar, bl-ewwel pagament għandu jsir fil-11 ta' Diċembru 2019 b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufiħ, u fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ tal-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda att ġudizzjarju ieħor, kif ukoll issospendietlu l-liċenzja tas-sewqan għal żmien disgha (9) xhur minn nofs il-lejl u ai termini tal-Art 78 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18, u ordnatlu sabiex immedjatament jgħaddi l-liċenzja tas-sewqan lill-Awtorita'

għat-Trasport f'Malta. Il-Qorti imponiet ukoll sitt (6) punti penali fuq il-liċenzja tas-sewqan tiegħu.

2. Illi minn din is-sentenza Jean Claude El Ftouh interpona appell permezz ta′ rikors datat 23 ta' Diċembru 2019 fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija tiġi kkonfermata fil-parti fejn l-appellant ma nstabx ħati, u mħassra u varjata u riformata fis-sens li ma ssibtx lil appellant ħati tal-akkużi numru (2), (3), (4) u (5) u kwindi tilliberah minnhom, tħassar ukoll is-sospensjoni tal-liċenzji tas-sewqan tiegħu kif ukoll il-penalita' ta' sitt punti in konnessjoni mall-istess liċenzja tas-sewqan tiegħu, u b'hekk teħilsu minn kull imputazzjoni u piena, wara li saħaq is-segwenti: -

> Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti :
>
> Illi l-esponenti ser jibda biex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu fir-rigward tal-ewwel tlett akkużi dedotti kontrih u wara jgħaddi biex jissottometti rigward l-aħħar żewg akkużi.
>
> 1. Fir-rigward tal-ewwel tliet akkuzi l-esponenti jissottometti bir-rispett illi ma setgħetx tinstab ħtija stante li huwa la saq b'mod perikoluż, la b'nuqqas ta' kont u lanqas bi traskuraġni. Illi fil-fatt l-ewwel Onor Qorti lliberatu mill-ewwel akkuża.
>
> Jirriżulta mill-provi illi l-esponent nfaqagħlu t-tyre waqt li kien għaddej minn Pembroke bir-riżultat li spiċċa ħabat ma' fence tal-wire u l-vettura li kien qed isuq garrbet hsarat, fosthom niżillu tyre ieħor. Pero' peress li l-vettura xorta setghet tinstaq u peress li dan seħħ f'nofs ta' lejl, l-esponenti għazel li minflok jabbanduna l-vettura f'Pembroke, huwa jkompli jsuqha fil-kundizzjoni kif kienet u jwassalha l-Imsida fejn joqgħod.
>
> Il-Pulizija lemħuh isuq il-vettura meta huwa kien qrib id-dar u ghalkemm il-mod ta' kif kien qed isuq gibdilhom l-attenzjoni, qatt ma qalu li bis-sewqan tieghu l-esponenti kien qed joħloq xi periklu ghal xi vettura, miexja jew ipparkjata, jew ghal xi persuni li setghu kienu ghadejjin fit-triq.
>
> Il-fatt li s-sewqan tal-esponenti ma kienx forsi daqstant linejari u korrett, dan seħħ minħabba li l-vettura kellha t-tyre mifquħ u iehor imniżżel bl-

incident li kienet ġarbet u l-esponenti jissottometti bir-rispett li l-kapacita' li jsuq karozza minn Pembroke sa l-Imsida fl-istat li kienet ma tistax tiddeskriviha bhala perikoluża, b'nuqqas ta' kont u traskurat. Kienet l-esiġenza u n-neċessita' tal-mument li ġiegħelitu jsuq b'dak il-mod, liema mod pero' fl-ebda waqt ma kien perikoluż, b'nuqqas ta' kont jew traskurat. Illi ghalhekk, ghar-raguni suesposta, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi hu ma kellux jinstab hati ghat-tieni u ghat-tielet akkuzi u dan ghall-istess ragunament li ma nstabx hati tal-ewwel akkuza.

2. Fir-rigward tar-raba' u l-hames akkuzi, jigifieri dawk li jikkoncernaw il-kwistjoni tax-xorb, l-esponenti jissottometti bir-rispett dan li gej :

Huwa minnu li meta l-Pulizija ntqaghu mall-esponenti hekk kif hareg mid-dar huma xammewlu riha qawwija ta' alkohol. Huwa minnu wkoll li meta huwa ttiehed fl-Ghassa tal-Pulizija u sarlu t-test tal-alcohol, irrizulta kontenut gholi.

Pero' l-esponenti jaghti spjega tajba u naturali ghall-konsum tal-alcohol. Huwa jghid li hekk kif wasal id-dar bil-qata' li kellu fuqu mill-incident li kien ghadu kemm sofra, huwa xorob ammont ta' whiskey biex itaffi x-xokk imbaghad hareg hdejn il-karozza biex jara bil-kwiet il-hsara. Kien f'dak il-waqt li ntaqghu mieghu l-Pulizija, jigifeiri meta l-esponenti kien barra mill-karozza, bil-wieqfa hdejha.

Mill-bidu nett u matul il-kawza l-esponenti cahad kategorikament li huwa f'xi mument saq il-vettura taht l-influwenza tax-xorb. Huwa kkonsma x-xorb meta wasal minn Pembroke, wara l-incident li kellu, dahal id-dar u xorob. Dan l-istat ta' fatt huwa wkoll ikkonfermat mix-xhieda tal-Pulizija li fl-ebda mument ma jghidu li huma lahqu lill-esponenti waqt li kien qed isuq.

Ghalhekk l-esponenti jissottometti bir-rispett li huwa qatt ma saq meta kien xorob u qatt ma kien xurban.

Ir-rizultat tat-test tal-alcohol kien ovvjament gholi peress li kif wasal id-dar huwa kkonsma l-whiskey u ftit tal-hin wara ltaqa' mall-Pulizija li haduh l-Ghassa u sarlu t-test.

Illi tant l-esponenti kien f'sensih u mhux taht xi nfluwenza ta' alcohol li rnexxielu b'sengha jwassal vettura b'tyre mifqugh u iehor imnizzel minn Pembroke sal-Imsida minghajr incident, u wara anke ha lill-Pulizija fuq il-post tal-incident f'Pembroke.

Illi ghalhekk, ghab-bazi tal-ispjega tal-esponenti li m'hijiex kontradetta minn hadd, qed jigi sottomess bir-rispett li l-ahhar zewg akkuzi ma jirrizultawx u kwindi l-esponenti ghandu jkun mehlus ukoll minnhom.

3. Illi minghajr prejudizzju ghas-suespost, f'kaz li din l-Onor Qorti ma taqbilx mall-ispjega tal-esponenti, hija qed tigi umilment mitluba sabiex tikkunsidra u tirriforma l-piena nflitta fuqu u cioe' l-kundanna ghal hlas tal-multa ta' elf u tmin mitt Euro (1800 Euro), skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' disgha (9) xhur u sitt punti penali in konnessjoni mall-licenzja tas-sewqan tieghu, li l-esponenti jissottometti bir-rispett, hija wahda eccessiva.

Illi l-esponenti jahdem fil-maintenance mall-Finbank plc u bhala tali jehtieglu jsuq vetturi tal-kumpannija fil-qadi tax-xoghol tieghu kemm biex jinxtara materjal u equipment, kemm biex isiru xogholijiet ta' riparazzjoni, ecc. Illi ghalhekk jekk kemm-il darba huwa jitlef il-licenzja anki ghal ftit xhur, huwa awtomatikament ikun qed jitlef l-impieg tieghu.

Illi huwa proprju f'dan il-kuntest, ghalhekk, li qed jitlof lil din l-Onor Qorti sabiex tikkunsidra sew l-effetti tas-sospensjoni tal-licenzja tieghu ghal disgha (9) xhur.

4. Illi fl-ahhar lok, ukoll minghajr prejudizzju ghall-ilmenti principali ta' dan l-appell, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi l-ewwel Qorti, wara li mmultatu u ssospendietlu l-licenzja kif jissemma', ma setghetx timponi fuqu sitt (6) punti rigwardanti l-licenzja tieghu.

Infatti mic-citazzjoni mkien ma tirrizulta tali talba da parti tal-prosekuzzjoni. Ghalhekk bir-rispett qed jigi sottomess li l-ewwel Qorti ma setghetx a sua sponte zzid piena mhux mitluba fic-citazzjoni. Meta hija ssospendietlu l-licenzja tas-sewqan ghal disgha (9) xhur, hija kienet konformi mat-talba tal-prosekuzzjoni u mall-ligi u daqshekk, l-ewwel Qorti ma setghetx tkompli tippenalizza lil esponenti fuq xi haga li gja ppenalizzatu qabel. Dan qed jinghad ghax meta sewwieq jghaqqad tnax-il punt fir-rigward tal-licenzja tieghu, l-istess licenzja tigi awtomatikament sospiza. Issa gia' la darba l-ewwel Qorti ssospendietlu l-licenzja kif intqal, ma tistax terga' tippenalizzah b'mod li l-penali tikkontribwixxi ghal sospensjoni ulterjuri fil-futur!

Ghal din ir-raguni l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onor Qorti ghandha thassar din il-parti tal-piena fuqu nflitta.

***Ikkunsidrat : -***

3. Illi nhar is-16 ta' Lulju 2018 għall-ħabta ta' 00:05 waqt ronda li kienet qegħda ssir minn PS918 flimkien ma PC1189 f'Tal-Pieta,

dawn innutaw vettura Mistubishi Pajero bajda bin-numru tar-reġistrazzjoni XXL320 li kienet qegħda tinstaq minn raġel fid-direzzjoni opposta ta' dik li kienu mexjin fiha. Huma nnutaw li din il-vettura kienet qegħda tinstaq bi tliet tyres minnhom li kienu mniżlin u l-vettura bdiet tinġibed minn naħa għall-oħra tat-triq. Dil-vettura kellha l-mera tan-naħa tal-passiġġier li kienet imdendla u s-sewwieq ipparkja l-istess vettura fuq bankina quddiem garage.

4. Il-Pulizija innutaw li l-vettura tħalliet ipparkjata startjata u minnha ħareġ raġel - li wara rriżulta li kien l-appellant – u li mar jiċċekkja l-ħsarat li l-vettura misjuqa minnu kellha fuq in-naħa ta' quddiem. L-appellant kien jidher għal dawn iż-żewġ Pulizija li kien fi stat qawwi ta' sokor. Dan setgħu jgħiduh minħabba rawh bilkemm jiflah joqgħod fuq saqajh, beda jħawwad fid-diskors tiegħu, kellu rieħa ta' xorb alkoħoliku qawwi ħierġa minn ħalqu u waqt li beda jitkellem beda jeħillu lsienu. L-appellant infurmahom li l-ħsara fil-vettura tiegħu seħħet fi triq f'Pembroke, li wara wera lil Pulizija fejn kienet seħħet.

5. L-appellant ġie arrestat fuq suspett ta' ħsara fuq proprjeta ta' terzi kif ukoll minħabba suspett li kien taħt l-effett tal-alkoħol. Ingħata d-drittijiet tiegħu u ħadhom jaraw fejn ġiet subita l-ħsara fuq il-vettura tiegħu. Irriżulta li kien hemm ksur f'fence fi Triq Cassiano f'Pembroke. Tifrik minn dan il-fence kien jidher mit-triq.

6. PS 918 informa lill-appellant li kien ser isirlu test tan-nifs fl-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan minn PS 249. Meta ttieħed l-Għassa ta-

Pulizija PS249 informa lill-appellant bid-drittijiet tiegħu skont il-Liġi fir-rigward tal-kampjun tan-nifs. L-appellant għażel li jagħmel it-test. Ir-riżultat ta' dan it-test kien ta' 135.0 ug/100ml.

***Ikkunsidrat : -***

7. Illi bħala Qorti tal-appell kriminali din hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tbiddelx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v.

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

8. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

9. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa

Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

10. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet ta' dik is-sentenza mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha.

11. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew

dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

12. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti. Dan ġie ukoll ikkonfermat minn ġurisprudenza kopjuża nostrana fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[4]

13. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

14. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

15. L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta li taqra l-imħuħ tax-xhieda biex tifhem xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom. Il-Qorti trid tistrieħ fuq il-provi diretti u indiretti li jkunu nġiebu quddiemha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha in bażi għalihom biss.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

16. L-evidenza indiretta, ċjoe dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

17. Il-Liġi penali **ma teħtieġx** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

18. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Jiġifieri huwa legalment

korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

19. Biss din il-konklużjoni l-Qorti tista' tasal għaliha biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, b'mod li fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti tikkonkludi li tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni.

20. Fil-ġurisdizzjoni Maltija sabiex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat il-grad ta' suffiċjenza probatorja meħtieġ huwa dak *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ; li filwaqt li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, mill-banda l-oħra huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.  Fil-każ Ingliż ***Majid,***[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

21. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

> Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

22. Illi din it-tifsira insibuha fil-ġurisprudenza Maltija għal għexieren ta' snin. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

23. Huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma

jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

24. Illi hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lil uħud mix-xiehda jixhdu quddiemha ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. Għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati għax tkun rat, semgħet u għexet il-proċess quddiemha. B'hekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati huwa eżerċizzju importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu u dan ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

25. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet il-provi kollha jew *in parte* direttament hi, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati u mbagħad tħalli f'idejn din il-Qorti, bħala qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss din il-Qorti, kif intqal ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq.

26. Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination". Ghalhekk, kontra l-imputat hemm oltre dak ti sejjer jinghad, dawn iż-żewġ xhidiet li ma gewx bl-ebda mod żvalorizzati, u li jassodaw pjenament l-imputazzjoni;

***Ikkunsidrat : -***

27. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jgħid li ma setgħetx tinstab ħtija fir-rigward tal-ewwel tliet imputazzjonijiet minħabba li huwa la saq b'mod perikoluż, la b'nuqqas ta' kont u l-anqas bi traskuraġni. Huwa jikkonċedi li l-Qorti tal-Maġistrati illiberatu mill-ewwel imputazzjoni, għalkemm sabitu ħati fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

28. Din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li ssibu ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Is-sewqan tal-appellant ġie deskritt

mill-Pulizija li rawh li l-vettura kienet qegħda tinstaq bi tliet tyres minnhom li kienu mniżlin u l-vettura bdiet tinġibed minn naħa għall-oħra tat-triq. Bid-dovut rigward dan mhux il-kwalita ta' sewqan li l-Liġi teżiġi minn sewwieq ta' vettura bil-mutur. Il-fatt fih innifsu li vettura tinstaq bi tliet tyres imniżżlin huwa fih innifsu sewqan riskjuż immens tant li l-Pulizija raw li l-appellant ma kellux il-kontroll tal-vettura misjuqa minnu, mhux biss minħabba l-istat ta' sokor li kien fih iżda wkoll minħabba l-fatt li vettura f'dik il-kundizzjoni ma kienetx tista' tinstaq b'mod sigur fit-triq.

29. Illi sewwieq ta' vettura bil-mutur għandu dmirijiet li jrid iżomm u josserva f'kull waqt li jkun qiegħed bl-i*steering wheel* f'idu. Karozza fi triq tista' tkun letali daqs arma proprja jekk mhux użata u misjuqa bil-għaqal meħtieġ. Kull sewwieq irid f'kull ħin iżomm il-*proper look-out* bil-mezz viżiv kif ukoll bil-mezz tas-smiegħ, inkluż, bil-vetturi moderni dejjem aktar teknoloġikament avvanzati, bil-mezzi, attrezzi u apparat li l-karozzi jiġu mgħamra bihom.[9] B'mod partikolari u qabel kollox il-vettura misjuqa minnu trid tkun *safe*, sigura, li tista' tinstaq fi triq bl-inqas riskju possibbli għas-sewwieq, għal-sewwieqa oħra u għall-passanti.

30. Is-sewwieq irid dejjem iżomm *proper look-out* u jsuq b'attenzjoni partikolari lejn iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet prevalenti fit-triq, b'mod li jkun jista' jagħmel evalwazzjoni f'waqtha tas-sitwazzjoni li jkun qiegħed isuq fiha u dan sabiex jevita li jkun hemm riskju ta'

[9] bħal mirja, *rear cameras, sensors, alarms* eċċetra.

kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians*. Kif jista' sewwieq jagħmel dan kollu meta jkun qed isuq vettura fuq rota waħda (b'żewġ tyres ta' quddiem imniżlin sa fuq ir-rim, u wieħed mit-tyres ta' wara mniżżel kompletament probabbilment mifqugħ) bil-vettura tiegħu deskritta li bdiet tinġibed minn naħa għall-oħra tat-triq?

31. Għalkemm hemm limiti ta' veloċita stabbiliti f'zoni u f'toroq partikolari, anke jekk sewwieq ikun qiegħed isuq fil-limiti tal-veloċita konsentita, huwa jrid dejjem isuq b'*safe speed* fiċ-ċirkostanzi partikolari prevalenti fit-triq li fiha jkun qiegħed isuq. Dan huwa meħtieġ sabiex f'kull waqt ikun jista' jieħu dik l-azzjoni proprja u effettiva sabiex ikun jista' jevita kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians* billi jkun jista' jnaqqas il-veloċita, jew iwaqqaf il-vettura misjuqa minnu jew li jieħu dik l-azzjoni evażiva skont il-każ biex tiġi evitata kolliżjoni jew inċident, u dan dejjem skond il-kondizzjoni prevalenti u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Din l-azzjoni trid dejjem tkun pożittiva u meħuda f'waqtha b'rispett lejn l-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan. Għal darb'oħra dil-Qorti tistaqsi kif setgħa l-appellant josserva dawn ir-regoli meta l-vettura misjuqa mill-appellant kienet tiddependi minn rota waħda sigura? Setgħa l-appellant ikollu proper and full control of the vehicle fl-istat u l-kundizzjoni li l-vettura misjuqa minnu kienet meta l-appellant inqabad mill-Pulizija?

32.Dawn huma prinċipji li dawn il-Qrati ħadnu għal żmien twil kif ukoll jirriżulta minn dak deċiż fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Anthony Spiteri,*** deċiż fil-21 ta' Mejju 1960 mill-Imħallef William Harding fejn irritjena s-segwenti : -

> Hu innegabbli li driver ta' karozza għandu, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jzomm "a proper lookout" għall-vejikoli, "pedestrians", u "road-users" ohra; (Gibb. Triql of Motor Car Acc. Cases, Sec. 47), u l-ieħor illi, waqt is-sewqan, hu jkun f'posizzjoni tali li, kif jingħad fil-"General Regulations" tat-Traffiku Ingliżi, (ara Stone's Justices' Manual, Vol.2 1960 edition, p. 2937) jkollu f'kull ħin "proper control over the vehicle"... Ma għandux jintesa li l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' "split second" u li l-kontingenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati.

33.Din il-Qorti tqis li altru milli l-appellant kien negliġenti u traskurat fis-sewqan tiegħu.

***Ikkunsidrat : -***

34.Illi r-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni jippreskrivi li : -

> 15A.(1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.
>
> (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa.

35.Illi mill-banda l-oħra l-artikolu 15B tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra bil-mod segwenti : -

> Ebda persuna m'għandha ssuq, tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jewf'post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun iżjed mil-limitu preskritt.

36.F'dan il-każ l-appellant jgħid li ma kienx minnu li huwa kien qiegħed isuq fi stat ta' sokor. Dan peress li huwa jgħid li huwa xorob wara li wasal fejn id-dar tiegħu, ipparkja l-vettura, niżel minnha, daħal id-dar u xorob il-whisky (Jack Coke) minħabba l-qata' li kellu fuqu u wara reġgħa ħareġ lejn il-karozza. L-appellant jikkontendi li huwa ma kienx xurban meta kien qiegħed isuq. Huwa jgħid li tant ma kienx xurban li rnexxielu, b'sengħa kbira, jwassal il-vettura Mistubishi minn Pembroke sal-Imsida, pratikament fuq rota waħda. Jgħid ukoll li din kienet spjega li ma kienet kontradetta minn ħadd u b'hekk il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-każ kontra tiegħu.

37.Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li l-verżjoni tiegħu ma kienet kontradetta minn ħadd. PC1189 J. Falzon jgħid li kif il-Pulizija avviċinaw il-vettura misjuqa mill-appellant, wara li huwa pparkjaha bl-addoċċ fuq il-bankina quddiem garage, huma raw lill-appellant li ħareġ mill-vettura li kienet għadha startjata, u mar jiċċekkja l-ħsarat li kellha l-vettura fuq in-naħa ta' quddiem. F'dak il-ħin l-appellant kien diġa jidher lill-Pulizija li kien fi stat ta' sokor, deskritt bħala qawwi minn dan il-kuntistabbli, minħabba li bil-kemm kien jiflaħ iżomm fuq saqajh, beda jħawwad fid-diskors tiegħu, kellu riħa qawwija ta' alkoħol ħierġa minn ħalqu u beda jeħillu lsienu meta beda jitkellem. Meta xehed viva voce dan jgħid

li meta huma rawh riedu jduru mal-blokk fejn hemm id-Dukes, tal-ħobż, u damu anqas minn minuta biex daru mal-block u ġew ħdejh. Sakemm daru dik id-dawra huma ma setgħux jaraw il-vettura, iżda wara meta daru d-dawra setgħu jaraw l-istess vettura – iżda rawh li kien (għadu) qiegħed jispezzjona l-vettura tiegħu. Dak il-ħin li waslu ħdejh setgħu jaraw li kien fi stat ta' sakra li ddeskriva qabel.

38. Deskrizzjoni simili tal-istat tal-appellant fis wara li niżel mill-vettura jingħata wkoll minn PS918 li jgħid li l-Pulizija baqgħu isegwuh minn fejn rawh l-ewwel darba sakemm waqaf. PS918 jgħid li l-appellant kien jidher fi stat ta'sakra minħabba riħa qawwija t'alkoħol u li ma kienx kapaċi jżomm fuq saqajh. Ilsienu beda jeħillu u beda jħawwad fid-diskors. Meta xehed viva voce, PS 918 jgħid li huwa kienu raw lill-appellant isuq il-vettura, rawh joħroġ mill-vettura, daru d-dawra, l-appellant kien għadu bil-vettura startjata u kien qiegħed idur mal-vettura. Jgħid li l-appellant ma kienx daħal id-dar u li huma ma kienux tilfuh minn quddiem għajnejhom. Veru li kienu daru mal-blokk, iżda l-appellant kien waqaf mal-ġenb, ħareġ mill-vettura, u kien l-istess persuna li huwa ra kien għadu hemm idur mal-vettura. Fl-ebda ħin ma huma raw lill-appellant ħiereġ mid-dar. Jgħid ukoll li eventwalment ħarġet omm l-appellant u anke n-nanna tiegħu u marru jkelmuh. PS918 qal li dawn qalulu biex iċedulu u jaħfrulu u ma jkomplux għaddejjin biha.

39. Minbarra dan jirriżulta mhux kontestat f'dan il-każ li meta l-appellant għamel it-test tan-nifs, irriżulta li huwa kien pożittiv b'reading ta' 135ug/100ml.

40. Din il-Qorti taqbel mal-argumenti tal-Avukat Ġenerali f'dan il-każ li ssibha diffiċli temmen kif, fil-ftit ħin li kellu l-appellant bejn il-wasla tiegħu fejn id-dar tiegħu sakemm il-Pulizija daru mal-blokka f'anqas minn minuta, l-appellant kellu ċ-ċans li jidħol id-dar, jagħmel xarba Jack bil-Coke, jixrob tant ammont ta' whisky li ħafna minuti wara meta huwa għamel it-test tan-nifs jirriżuta li kellu 135ug/100ml.

41. Din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevoment tasal li ssib ħtija fl-appellant fir-rigward tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet in bażi għall-provi li kellha quddiemha.

42. Fis-sentenza bl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Marlon Montebello***, din il-Qorti diversament preseduta kienet ikkonsidrat is-segwenti :

> Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Francis Pace***, biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa"[1] minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi il-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risulatat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C. Kwantu ghall-hekk imsejjha "caution", din it-twissija (cioe` t-twissija li n-nuqqas jew rifjut li wiehed jaghti kampjun tan-nifs hu reat) hi mehtiega biss sabiex il-pulizija tkun tista' tarresta lil minn hekk jonqos milli jaghti il-kampjun ghat-test tan-nifs (mhux ghall-analizi), u dan skond l-Artikolu 15D(b); ghall-finijiet tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4) ebda twissija ma hi mehtiega (ara ***Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri***, App. Krim., 30di ta' April, 1999, u ***Il-Pulizija v. Anthony Cutajar***, App. Krim., 2 ta' Settembru, 1999).

43. Dan ifisser li għall-fini ta' integrazzjoni tar-reat taħt l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tista' tieħu in konsiderazzjoni **provi oħra** ***apparti*** mir-riżultat o meno tal-analiżi magħmula skont l-artikolu 15E tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistgħu jinkludu l-komportament u l-kundizzjoni fiżika tas-sewwieq.

44. F'dan il-każ il-Pulizija xehdu b'mod ċar li meta kienu qegħdin ikelmu lill-appellant huwa kien diġa deher fi stat ta' sakra, u dan minħabba riħa qawwija t'alkoħol ħierġa minn ħalqu, li ma kienx kapaċi jżomm fuq saqajh, beda jeħillu lsienu u beda jħawwad fid-diskors.

45. Apparti minn hekk, il-Pulizija stqarr li l-vettura misjuqa mill-appellant kienet ukoll qegħda tinstaq b'mod li l-karozza bdiet tiġbed minn naħa għall-oħra tat-triq, filwaqt li barra mill-vettura l-appellant ma setgħax iżomm fuq saqajh! Dawn huma provi li jindikaw l-imġieba tal-appellant, li fuqha din il-Qorti tista' tasal tikkonkludi li huwa kien jikkwalifika bħala persuna li tkun qegħda ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor **u** ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi minħabba li l-kapaċità tiegħu li jsuq sew kienet għal xi ħin imnaqqsa minħabba tali xorb jew droga.

***Ikkunsidrat : -***

46. Illi l-appellant jilmenta mill-piena imposta fuqu kif ukoll mill-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati imponiet fuqu mhux biss multa u sospensjoni tal-liċenza talli mponiet fuqu l-penali ta' tnaqqis ta' sitt punti rigwardanti l-liċenza tiegħu. Huwa jgħid li ladarba l-Qorti tal-Maġistrati imponiet fuqu s-sospensjoni tal-liċenza ma setgħetx ukoll timponi l-penali tal-punti fuq il-liċenza li tista' twassal għal sospensjoni ulterjuri fil-futur, b'mod parikolari meta l-Prosekuzzjoni ma għamlitx din it-talba.

47. Illi kwantu għall piena imposta din il-Qorti hija qorti ta' reviżjoni u b'hekk ma tbiddilx il-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati sakemm din ma tkunx żbaljata fil-prinċipju jew inkella meta tkun manifestament eċċessiva.

48. F'dan il-każ, fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija taħt l-artikoli :-

i. 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta – il-piena ta' multa sa elf u mitejn euro (€1200) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sena;

ii. 15A(1) u 15B(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta l-appellant setgħa jingħata piena ta'

> (1) Kull persuna li tikser xi dispożizzjonijiet tal-artikoli 15A u 15B tkun ħatja ta' reat u meta tinsab ħatja ta' reat bħal dak jew ta' reat taħt l-artikolu 15E(4) teħel –
>
> (a) fil-każ tal-ewwel kundanna, multa ta' mhux anqas minn elf u tmien mitt euro (€1,800) jew priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien;
>
> (2) B'żieda mal-pieni taħt is-subartikolu (1), il-qorti għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan fil-

każ tal-ewwel kundanna għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur, u fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha għal żmien ta' mhux anqas minn sena:

(3) B'zieda mal-pieni taħt is-subartikoli (1) u (2), il-qorti tista' wkoll tagħti Ordni ta' Probation skont l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation li għandha tinkludi ordni sabiex il-ħati jattendi għal programm ta' riabilitazzjoni bl-ispejjeż addebitati lilu u, jew Ordni ta' Servizz fil-Komunità skont l-artikolu 11 tal-Att dwar il-Probation.

Iżda fil-każ ta' kundanna minħabba li persuna ma kienetx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew għal reat taħt l-artikolu 15B, id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom jgħoddu biss fejn il-proporzjon ta' alkohol fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun jaqbeż il-limitu preskritt bi tmien mikrogramma jew iżjed fin-nifs jew b'għoxrin milligramma jew iżjed fid-demm jew bi tlieta u għoxrin milligramma jew iżjed fl-urina.

iii. Ir-Regolament 40 tal-Liġi Sussidjarja 65.18 jgħid

(1)Għal kull kontravvenzjoni, għadhom jiġu imposti mill-Qorti tal-Maġistrati jew mill-Kummissarji tal-Ġustizzja, skond il-każ, punti ta' penali kif jidher fis-Sitt Skeda, u dawn jiġu mniżżla f'database komputerizzata li għandha titwaqqaf għal dan il-għan mill-Awtorità.

49. Jirriżulta li kif inhi din il-Liġi it-tnaqqis tal-punti hija konsegwenza tas-sejbien ta' ħtija ta' dak li dawn ir-regolamenti jsejħu bħala "kontravvenzjoni". Fis-sitt skeda, uħud minn dawn il-kontravvenzjonijiet, li fil-verita ma huma kontravvenzjonijiet xejn, iżda wħud mill-aktar reati kriminali perikolużi, wieħed isib :

i. RD-1 Sewqan traskurat, negliġenti jew perikoluż, bi tnaqqis ta' bejn 3 u 11 il-punt;
ii. DD-1 Sewqan jew tentattiv ta' sewqan jew vettura taħt idejn persuna b'livell ta' alkohol li jaqbeż il-limitu, bi tnaqqis ta' bejn 3 u 11 il-punt.

50. Illi kif jirriżulta mill-piena imposta fuq l-appellant mill-Qorti tal-Maġistrati, hija imponiet il-multa t'Euro 1800 li hija l-inqas piena li setgħet timponi għall-artikolu 15A(1) jew 15B(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta – mingħajr ma ħadet kont tal-piena għas-sejbien ta' ħtija fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjoni. Minbarra dan il-minimu tas-sospensjoni tal-liċenza kienet dik ta' sitt xhur filwaqt li l-minimu tal-penali ta' tnaqqis ta' punti kienet ta' tlieta fuq kull "kontravvenzjoni" – f'dan il-każ naqset sitt punti.

51. Din il-Qorti ma tqisx li tista', fiċ-ċirkostanzi tal-każ tibdel din id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati.

## *Deċide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***